Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 21/2015

**Darren Farrugia u Stephanie Micallef**

**Vs**

**Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd**

4 ta' Ġunju, 2018.

1. B'avviż l-atturi talbu lit-Tribunal għal Tabiet tal-Konsumatur sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallashom is-somma ta' €3,494.06 rappreżentanti:

    (a) Elfejn sitt mija u tnejn u erbgħin ewro (€2,642) depożitu li ħallas lill-konvenuta għax-xiri ta' madum; u

    (b) Parti mis-somma ta' elf mija u wieħed u tletin ewro (€1,131) għall-kolla li kien uża biex waħħal il-madum.

    Fl-avviż l-atturi jsostnu li: i) talbu tip ta' madum u ngħataw madum ieħor; ii) kien hemm nuqqas ta' tagħrif dwar il-madum li ġie mogħti; iii) għalkemm il-madum hu dikjarat bħala M1 - Materia 1 classe, fih ħafna difetti.

2. Il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-attur in kwantu:

    i. mhux minnu li ngħata madum li ma kienx dak speċifikament minnu mitlub. Huwa ordna l-madum '*Travertino Bianco Lappato*' 60x60 hekk kif jirriżulta mis-*sales order* iffirmata minnu li hija l-istess maduma li ħuħ Josef Farrugia ġabar *sample* tagħha u li damet għandu 5 xhur;
    ii. mhux minnu li ma ngħatax biżżejjed tagħrif dwar il-madum li ġie mogħti. Meta Darren Farrugia ordna l-madum wieħed mid-Diretturi ta' Creations, Andrew Camilleri, niżel jinforma lil Darren Farrugia

personalment fuq id-dettalji tal-madum u l-mogħod li bih għandu jitwaħħal biex ikollu l-aħjar riżultati;

iii. l-madum m'huwiex difettuż;

3. B'sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur ċaħad it-talba tal-atturi.

4. L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji tagħhom kienu is-segwenti:

i. it-Tribnal għamel apprezzament ħażin tal-provi. Peress li l-kawża tirrigwarda difett fil-madum, u r-rapport tal-Perit Cacopardo ma kienx konklussiv dwar dan, it-Tribunal kellu jiddeċiedi dan l-ilment abbażi tal-provi l-oħra;

ii. it-Tribunal naqas għal kollox li jagħmel apprezzament tal-provi prodotti fir-rigward tal-lanjanzi tal-atturi, ossija ir-rapport tal-perit David Psaila fejn ingħad li l-madum kien difettuż, l-fatt li l-perit Cacopardo qal li kellha tiġi eżaminata aktar fil-fond il-kwistjoni dwar il-kwalità tal-madum, id-diffikultà li kien hemm fit-tqegħid tal-madum li ssemmiet ukoll mill-perit tekniku, u x-xhieda ta' John Zahra, it-*tile layer;* ma hemm l-ebda ness bejn il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal u d-*deċide* tal-istess; jekk it-Tribunal verament għamel tiegħu r-rapport tal-perit Cacopardo, ma kellux jiddeċiedi b' mod differenti minn dak li ddeċieda fil-każijiet 19/2015 u 20/2015.

5. L-appellata wieġbet li mill-provi kien irriżulta li t-tqegħid tal-madum ma sarx skont is-sengħa u l-arti u ma kienx difettuż, filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet l-oħra li l-appellanti qed jippretendu li kellu jagħmel it-Tribunal ma jreġux.

6. Permezz ta' deċiżjoni parzjali mogħtija fit-28 t' April 2017, din il-Qorti ddeċidiet illi:

*'6. It-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq ir-rapport li ħejja l-perit Carmel Cacopardo. Kien fis-seduta tat-12 a' Settembru, 2013 li t-Tribunal innomina lill-perit Cacopardo bħala perit ġudizzjarju sabiex "jeżamina x-xogħol in kwistjoni inkluż il-madum li ntuża fil-fond tar-rikorrenti" ...*

*7. Mis-sentenza jirriżulta li t-Tribunal:*

*i. Ikkonkluda li l-atturi ma ngħatawx informazzjoni biżżejjed dwar il-prodott;*

*ii. L-atturi kellhom jindagaw fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-madum li għażlu;*

*iii. Qal li relazzjoni ta' perit m' għandhiex tiġi skartata faċilment;*

*iv. "Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jagħmel tiegħu l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert maħtur minn dan it-Tribunal".*

v. *"Illi r-rikorrenti isemmi fit-talba tiegħu li talab madum speċifiku u fl-istess talba igħid li ma ngħatax tagħrif biżżejjed fuq il-madum. Dan hu kontradittorju. Mill-affidavit stess tar-rikorrenti jidher ċar li kien jaf xi jrid u għalhekk seta' faċilment jara l-madum jekk kien dak li ried. Sussegwentement ir-rikorrenti ġialadarba (kif stqarr fl-affidavit) kien imur kuljum jara x-xogħol ta' tqegħid, seta jikkonstata mal-ewwel jekk il-madum kienx jidher sew jew le".*

8. *Il-qorti tosserva li:-*

i. *Il-perit tekniku qatt ma qal li l-madum li xtraw l-atturi kien difettuż, iżda li ma kienx f'posizzjoni jasal għal konklużjoni dwar il-kwalità tal-madum. Fil-fatt qal ukoll li kien jeħtieġ li din il-materja tiġi eżaminata iktar fil-fond. Hekk ukoll meta xehed (seduta tad-19 ta' Frar, 2015) qal: "Ngħid illi jien ma kellix l-ispecifications u allura ma nistax ngħid jekk il-madum huwiex imqammar by design jew inkellha ikunx difettuż".*

ii. *Għalkemm fir-rapport jingħad li l-konvenuti offrew is-servizz ta' tile layers ta' esperjenza u għalhekk jikkonkludi li kienu jafu bid-diffikultajiet fit-tqegħid tal-madum, din hi konsiderazzjoni li semmai kellu jagħmel it-Tribunal. Perit tekniku jinħatar sabiex jagħti opinjoni dwar materja teknika u mhux biex joqgħod jinterpreta l-fatti.*

iii. *Hu veru li l-perit tekniku qal li l-madum "m'huwiex imqiegħed sewwa". Pero' ma tax raġuni kif wasal għal din il-konklużjoni. Dan apparti li mhux magħruf jekk dak il-fatt huwiex relatat mal-allegat difett fil-madum, ġialadarba il-perit tekniku qal li ma kienx f'posizzjoni li jagħti opinjoni dwar il-kwalità tal-madum ikkonsenjat mill-konvenuta.*

9. *Ġialadarba l-perit tekniku ddikjara li ma kienx f' posizzjoni li jirrelata dwar il-kwalità tal-madum u li kien hemm bżonn li ssir iktar indaġni, it-Tribunal ma kellux igħaddi għas-sentenza qabel jaċċerta ruħu x' seta' jsir biex jiġi aċċertat jekk il-madum kienx difettuż jew le. Il-qorti żżid li:*

i. *Il-perit tekniku m' esprima l-ebda opinjoni dwar jekk il-madum huwiex difettuż.*
ii. *Il-fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum "ma tqegħidx sew", m' hijiex xi ċertifikat li l-madum m' huwiex difettuż. Fil-fatt kien il-perit tekniku stess li fir-rapport qal, **"... huwa neċessarju li tkun eżaminata iktar fil-fond l-issue tal-kwalita".***

10. *It-Tribunal għamel ukoll riferenza għal fatt li l-attur xehed:*

*"(.....) u jien stess kull filgħodu qabel immur ix-xogħol kont ngħaddi sa ħdejh[1] sabiex nara kif kien ġej ix-xogħol".*

---

[1] Qed jirreferi għat-*tile layer,* John Zahra.

*Skont it-Tribunal dan ifisser li seta' jkun jaf mill-bidunett jekk il-madum kien jidher sew jew le. Pero' mis-sentenza jirriżulta li t-Tribunal ma qiesx dak li qal John Zahra, il-persuna li poġġiet il-madum:*

*"Hekk kif poġġejt il-madum kollu u bdejt inħalleb, bdew joħorġu ħafna difetti fil-madum. Jiena fil-fatt kont ġbidt l-attenzjoni ta' Darren fuq dawn id-difetti".*

*11. Il-qorti tqies ukoll li hemm kontradizzjoni fis-sentenza tat-Tribunal in kwantu fl-ewwel lok ingħad li kien jidher li l-atturi ma ngħatawx informazzjoni biżżejjed biex jikkonfermaw dak li kienu ser jixtru, u iktar 'il quddiem fis-sentenza jingħad li mill-affidavit tar-rikorrent, "...jidher li kien jaf xi jrid u għalhekk seta' faċilment jara l-madum jekk kienx dak li ried".*

*12. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tqis li l-ilment tal-atturi hu ġustifikat, b'dan li l-kwistjoni fil-meritu għad trid tiġi deċiża minn din il-qorti (ara artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur).*

***Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 u tordna li a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 il-każ jibqa' jinstema' u jiġi deċiż minn din il-qorti.***

***Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà konvenuta.***

7. Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju 2017 din il-Qorti innominat lill-perit Elena Borg Costanzi sabiex wara li tieħu ħsieb li jsiru dawk it-testijiet tekniċi li hemm bżonn fuq il-madum oġġett tal-kawża, tirrelata bil-miktub dwar jekk il-madum li xtraw l-atturi mingħand is-soċjetà konvenuta huwiex difettuż u f'każ li jirriżulta tali, tispjega x'inhu d-difett.

8. Fl-1 ta' Diċembru 2017 l-perit Elena Borg Costanzi kkonfermat bil-ġurament ir-rapport minnha mħejji[2] u wieġbet għad-domandi in eskussjoni li sarulha mill-atturi permezz ta' nota preżentata fil-25 ta' Jannar 2018.

## Ikkunsidrat:

9. Mill-inkartament jirriżulta s-segwenti:

- l-attur Darren Farrugia flimkien ma' l-għarusa tiegħu Stephanie Micallef marru is-*showroom* tal-konvenuta u talbu lis-*salesgirl* turihom madum

[2] Proċess 19/2015 fl-ismijiet ***Mario Farrugia vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd***

'*gress, prima qualità, 60 x 60, rectified u highly polished.'* Din is-*salesgirl* uriethom maduma partikolari li skont hi kellha dawn il-karatteristiċi u kkwotathom għaliha kif ġej: '*Marmiclassici Travertino Bianco MC0168L'* bil-prezz ta' €95.00/m$^2$. Din il-kwotazzjoni ġġib id-data tal-20 ta' Diċembru 2012. L-attur jgħid li dakinhar kienu ħadu *sample* magħhom għall-prezz ta' €10;

- lura d-dar, ħu l-attur kien qallu li kien ordna l-istess madum mingħand l-istess ħanut għall-prezz ta' €29.90/m$^2$. Jirriżulta fil-fatt li ħuħ kien ħallas id-depożitu fuq l-ordni fis-17 ta' Diċembru 2012;

- missieru Mario Farrugia kien ukoll ordna l-istess madum fit-18 ta' Diċembru 2012;

- fil-21 ta' Diċembru 2012, l-atturi reġgħu marru għand l-konvenuta u tkellmu ma' Andrew Camilleri dwar id-diskrepanza fil-prezz. Dakinhar ċemplitilhom *salesgirl* oħra jisimha Marita Cortis li nfurmathom li setgħu jixtru l-istess madum għall-prezz ta' €29.90/m$^2$ jekk jikkonfermaw l-ordni dik il-ġurnata stess u hekk għamlu;

- l-atturi ordnaw il-madum *supply only.* Minkejja li fit-tweġiba tal-konvenuta ngħad li Darren Farrugia kien ġie infurmat minn Andrew Camilleri personalment fuq id-dettalji tal-madum u l-mod kif kellu jitwaħħal, Johann Camilleri xehed li missieru Andrew Camilleri, wieħed mid-diretturi ta' Creations, kien spjega kif u b'liema mod kellu jitwaħħal il-madum partikolari lil Mario Farrugia u lil ibnu Josef biss;

- l-attur jgħid li qabbad lil Rupert Fenech biex jagħmel sodda tal-konkrit u lil John Zahra, it-*tile layer* li qabbad missieru, biex iqiegħed il-madum li kien ġie konsenjat fil-5 t' April 2013[3];

- Johann Camilleri in kontro-eżami xehed li kien offra servizz ta' *tile laying* lil Mario u Josef Farrugia u kienu rrifjutaw u għażlu li jqabbdu *tile layer* tagħhom. Darren Farrugia kien mar ġurnata oħra u ma kienx talbu servizz ta' *tile layer* u m'offrielux dan is-servizz peress li missieru u ħuħ kienu nfurmawħ li kienu se jużaw *tile layer* tagħhom;

- Johnny Zahra, it-*tile layer* ingaġġat mill-atturi, missieru u ħuħ, beda bit-tqegħid tal-madum tal-appartament fl-ewwel sular, ossija dak tal-attur Darren Farrugia li kien imur personalment kull filgħodu sabiex

[3] Il-konsenja ta' Mario Farrugia u Josef Farrugia u Antonella Spiteri saret fid-9 t' April 2013

jara kif ġej ix-xogħol. Iżda kif beda jħalleb bil-*grouting* John Zahra ġibidlu l-attenzjoni '*għall-ħanek li ħarġu bejn maduma u oħra.'* In kontro-eżami Darren Farrugia kkonferma li '*kien Johnny Zahra li kien qalilna illi kien hemm problema fil-madum u jiena flimkien ma' missieri u ħija ikkonfermajna li kien hemm xfar f'diversi madum imqiegħed. Ngħid illi t-tile layer kien kważi spiċċa l-appartament tiegħi meta ġibidli l-attenzjoni dwar dan';*

- sussegwentement ilmentaw mal-konvenuta. Fl-20 t' April 2013 Johann Camilleri, diriġent tas-soċjetà konvenuta, kien mar fuq il-post jispezzjona l-madum iżda ma waslu għall-ebda konklużjoni. Iltaqgħu darb' oħra fit-22 t' April 2013. L-attur xehed li kien f' dik l-okkażjoni li Johann Camilleri allega li kien sar xogħol ħażin mit-*tile layer* u minn Rupert Fenech li kien għamel is-sodda tal-konkos ta' taħt il-madum u spjegalu għall-ewwel darba li l-madum huwa '*lappato'* li jfisser li l-madum huwa mgħawweġ minnu u li m' huwiex *highly polished;*

- l-attriċi Stephanie Micallef ma kinitx preżenti dakinhar tat-22 t'April 2013 peró kkonfermat li kull meta marret flimkien ma l-attur l-ħanut *Creations* hija qatt ma semgħat il-kelma '*lappato';*

- in kontro-eżami Johann Camilleri tenna li meta mar fuq il-post kien ra li l-madum ma kienx difettuż iżda kien mqiegħed ħażin. Qal li '*s-sodda tal-konkos ma kenitx sew minħabba li l-konkos ma kienx dritt u mhux invellat.*' Madanakollu, Darren Farrugia in kontro-eżami xehed li qala' l-madum li xtara mingħand is-soċjetà konvenuta u qiegħed madum ieħor fuq l-istess konkos bla problemi ta' xejn. Dan ikkonfermah Johnny Zahra in kontro-eżami;

- l-atturi saħqu li lis-*salesgirl* tal-konvenuta speċifikament talbuha madum *highly polished* u ħadd ma infurmhom li l-madum in kwistjoni kien *semi-polished* u *lappato*. In kontro-eżami Johann Camilleri xehed li l-ewwel darba li żaru s-*showroom* kienet qdiethom is-*salesgirl* u ma jafx x'kienu talbuha, iżda meta sussegwentement iltaqa' magħhom dejjem tkellmu fuq il-madum '*Travertino Lappato';*

- waqt l-imsemmi inkontru, Johann Camilleri ikkommetta ruħu li jibgħat krejn sabiex jerġa' jieħu lura l-madum u jagħti l-flus lura lil Mario Farrugia u Josef Farrugia, ossija, missier u ħu l-attur. Darren Farrugia xehed li '*Għalija peró, li diġà kont waħħalt il-madum kollu, ma offrieli l-ebda soluzzjoni. Għalhekk xi ħamest ijiem wara erġajt mort għand il-*

*Creations u minflok tani soluzzjoni qalli li ried il-bilanċ dovut mingħandi għaliex il-madum tiegħi kien twaħħal u allura ried jitħallas.';*

- fl-affidavit tiegħu Johann Cammilleri xehed:

> *'Peress li aħna kumpannija serja u nibżgħu ħafna għall-klijenti tagħna aċċettajt illi nieħu lura l-madum li kien għadu bis-siġill anké meta kont naf illi l-madum kien ta' prima kwalità u t-tort ma kienx tagħnaimma ta' min waħħal il-madum. Fil-fatt kont ċert mija fil-mija illi ma kellna ebda tort u li l-madum kien tajjeb u mhux difettuż. Għalhekk kontra qalbi aċċettajt li nieħu kollox lura bil-krejn. Peró, ġimgħa wara, kien ġie Joseph Farrugia ix-showroom fejn dan qalilna li ħuħ Darren mhux se jħallas kif kien miftiehem meta jien aċċettajt li nieħu il-madum ta' Joseph u missieru lura peress li tagħhom ma kien għadu ma twaħħalx.'*

- in kontro-eżami Johann Camilleri żied jgħid:

> *'Nikkonferma li jien kont għidt lis-sinjuri Farrugia li l-madum kont se nieħdu lura. Dakinhar stess filgħaxija kien ġie ix-xowroom Josef Farrugia u kien tani x'nifhem li Darren Farrugia ma kienx se jħallas u fil-fatt jiena ċempilt lill-istess Darren Farrugia u dan qalli li kont ser nisma mingħand l-avukat tiegħu. B'hekk jien ma kontx aċċettajt li nieħu l-madum lura.'*

- sussegwentement ġew intavolati l-proċeuri odjerni. Fl-affidavit tiegħu Darren Farrugia jisħaq li huwa qatt ma ordna il-madum tat-tip '*taverino Bianco Lappato'.* Għall-kuntrarju jgħid li talab madum b' karatteristiċi speċifiċi u s-*salesgirl* urietu madum li skont hi kien jaqbel eżattament mar-rikjesti tiegħu, liema madum irreferiet għalih bħala '*Marmiclassici Travertino Bianco'.* Filfatt l-ewwel stima kienet issemmi proprju dan it-tip ta' madum u kienet it-tieni stima li kienet tirreferi għal '*Traverino Bianco RET LAP'.* Meta nnota dan is-*salesgirl* qaltlu li huma l-istess peress li r-*reference number* kien l-istess. Tenna ukoll li qatt ma ġie offrut lilu servizz ta' *tile layer* u Andrew Camilleri qatt ma kellmu dwar id-dettalji tal-madum u l-mod kif għandu jitwaħħal. Jinsisti ukoll li l-madum lilu konsenjat huwa difettuż, għaliex il-maduma sħiħa hija '*warped'* mhux biss il-wiċċ tagħha;

- l-appellat preżenta rapport tal-perit David Psaila datat 17 ta' Mejju 2013 li kkonferma li:

> *'on inspection of the various tiles, one would notice that the majority of the tile <u>surfaces</u> were warped, not having a smooth surface as can be seen from photo number 01. This resulted that the final flooring result was uneven. In addition, when one looked at the reflection in the laid floor tiles, these showed a distorted reflection ...*

*An inspection of the tiles was made by placing two tiles face against each other and a gap was visibile between the two tiles, indicating that these tiles were not evenly straight. Also, when a water level was placed on these tiles, this showed that the tile was uneven both along the edges and diagonally."*

- in kontro-eżami l-perit David Psaila tenna li '*bħala maduma l-wiċċ tagħha ma kienx livell imma kien warped*';

- l-imsemmi rapport ġie kkritikat mill-perit Darren Sciberras ingaġġat mill-konvenuta. Permezz ta' rapport mħejji fit-8 t' Awissu 2013, il-perit Sciberras spjega li l-analiżi mħejjija mill-perit Psaila mhijiex attendibbli. Jgħid li l-perit Psaila uża żewġ metodi sabiex jivverifika l-madum kienx difettuż, ossia: (i) qiegħed żewġ madumiet wiċċ imbwiċċ; u (ii) b' invell iżda: l-aħħar metodu ma jista' jwassal għal ebda riżultat dwar il-maduma per se ladarba l-madum kien imqiegħed (minn terz) u kwalsiasi difett fit-tqegħid tal-madum jikkomprometti r-riżultat; u l-ewwel metodu ta' verifika m'huwiex attendibbli in kwantu '*Planitary and surface consistency tolerances of tiles are mainly regulated by standards like MSA EN ISO 10545-2 and testing of such variables have to be strictly carried out as per such standards ... by a professional and independent laboratory'.* Jgħid ukoll li huwa ngħata konferma mingħad is-soċjetà li manufattriċi li l-imsemmi madum huwa effettivament konformi mal-imsemmija *standards* u li saru d-debiti verifiki qabel l-ispedizzjoni;

- filfatt, permezz ta' ittra datata 23 ta' Lulju 2013 li ġiet annessa mar-rapport tal-perit Sciberras, is-soċjetà Ceramica Magica ikkonfermat dak mitlub mill-perit, kif ukoll, li sar kontroll mill-ġdid fuq parti mill-lott li minnu saret il-konsenja lis-soċjetà konvenuta u kien għadu fil-maħżen tagħha u rriżulta li kien '*standard production*' u '*defect free';*

- effettivament jirriżulta li ankè l-attur Josef Farrugia ikkuntattja l-manifattur tal-madum direttament. Fit-23 ta' Mejju 2013, dan wieġbu kif ġej:

*'... Lei parla nella sua lettera più volte di "scarsa qualità", ma devo dissentire per i seguenti motivi: Le nostre tecnologie ci permettono di imitare fedelmente la pietra naturale, e la struttura irregolare é una di queste caratteristiche (mi creda, spenderemmo molto meno a fare una unica struttura piatta ma avremmo un risultato molto più plastico e meno naturale). In più il materiale da lei scelto é con finitura lappata, di cui sotto trova la spiegazione tecnica in inglese, volta a rendere ancora più*

*irregolare e naturale con un gioco di lucido opaco la superfice del prodotto che sembra cosi "usurata dal tempo".*

*Lappato/Semi-polished:*
*glazed porcelain stoneware lapping: this is a special process which gives the product surface the appreaance of time-worn stone. This is a purely mechanical process carried out on the natural product (after firing) and affects the surface of the glaze, making it shiny and soft to the touch.*

*Produciamo secondo standard molto severi, ma nonostante ciò alle volte può capitare di sbagliare, nonostante il doppio controllo di qualità a cui è soggetto il materiale, ma questo non è il caso. Abbiamo infatti operato un altro controllo sul batch che le è stato inviato di cui abbiamo ancora stock ed è risultato conforme ad ogni standard di regolarità, non solo delle norme europee.*

*Siamo molto dispiacuti che non sia soddisfatto del materiale, ma come azienda le possiamo assicurare che tale materiale è produzione senza alcun difetto.'*

- is-soċjetà konvenuta tisħaq għalhekk li l-madum huwa *first choice*, mingħajr ebda difett u preċiżament bħas-*sample* li kien fil-pussess tal-atturi għal 5 xhur;

- għalkemm il-perit Carmel Cacopardo, maħtur mit-Tribunal, ma rrelatax b'mod konklussiv dwar il-kwalità tal-madum, ikkonferma '*huwa ċar li l-madum ma tqiegħedx sewwa'*. Tal-istess fehma kien Vasil Jikurashvili, it-*tile layer* li jaħdem mas-soċjetà konvenuta;

- da parti tagħha, il-perit Elena Borg Costanzi, maħtura minn din il-Qorti, kkonfermat li hija żammet aċċess fil-fond in kwisjoni u ħadet tlett kaxxex magħluqin madum sabiex isiru d-debiti testijiet tekniċi mill-kumpannija *Solidbase* bl-għan li jiġi determinat jekk il-madum jeċċedix il-limiti ta' tolleranza ta' *curvature* u *warpage* stabbiliti f'kodiċi Ewropew illi fuqu jiġu bbażati diversi tipi ta' madum, inkulż il-madum in kwistjoni*.* Hija kkostatat li l-madum in kwisjtoni huwa:

    - ***rectified*** li tfisser li c-*chamfer* huwa kważi insinifikanti b' dan illi jrid jitpoġġa b' mod li jkun hemm l-inqas wisa' ta' *grouting* possibbli bejn maduma u oħra. <u>Jekk dan il-madum jiġi mqiegħed bħal li kieku kien madum normali jiġifieri mhux rectified, ir-riżultat ma jistax ikun tajjeb</u>;
    - ***lappato***, ossija, l-wiċċ m'huwiex kompletament lixx iżda kemmxejn immewweġ biex jagħti dehra naturali u simili għal *travertine;*

- il-perit Borg Constanzi kkonfermat li skont ir-riżultanzi tar-rapport tekniku mħejji mill-kumpannija Solidbase, minn kampjun ta' għaxar madumiet irriżulta kollu '*within the 0.5% tolerances specified by EN14411 for side/centre curvatures and warpage*' li fl-opinjoni tagħha juri b'mod ċar li l-madum in kwistjoni ma kellu l-ebda difett.

10. L-atturi bbażaw it-talba tagħhom fuq tlett lanjanzi:

    i. talbu tip ta' madum u ngħataw madum ieħor;
    ii. kien hemm nuqqas ta' tagħrif dwar il-madum li ġie mogħti; u
    iii. għalkemm il-madum hu dikjarat bħala M1 - Materia 1 classe, fih ħafna difetti;

11. Filwaqt li huwa minnu li l-wiċċ tal-madum ma kienx lixx anzi mmewweġ, irriżulta lil'hinn minn kull dubju li din kienet karatteristika ta' din il-maduma partikolari u mhux konsegwenza ta' xi difett.

12. L-atturi jinsistu iżda li l-madum kien '*warped*' fih innifsu mhux fil-wiċċ biss. Din l-allegazzjoni ma treġix in kwantu:

    a. mir-rapport tal-perit Elena Borg Costanzi irriżulta li dan ma kienx minnu;
    b. filwaqt li l-perit Borg Constanzi in eskussjoni kkonfermat li ż-żewġ madumiet li ntweriet meta sar l-aċċess kienu waħda mgħawwġa u l-oħra kkuplata, ma setgħatx tikkonferma li dawn kienu tal-istess *batch* peress li ma kienux ġo kaxxa siġillata;
    c. f'kull każ huwa għal kollox inverosimili li l-madum kien mgħawweġ u t-*tile layer* tal-attur, b'tant snin ta' esperjenza ma ndunax immedjatament iżda rravviża difett biss <u>wara li qiegħed il-madum tal-appartament tal-ewwel sular kollu</u>. Il-fatt li: (i) il-perit Borg Costanzi spjegat li l-madum in kwistjoni kien *rectified* u allura ried jitqiegħed bl-anqas wisa' ta' *grouting* possibbli bejn maduma u oħra; (ii) it-*tile layer* induna li x-xogħol ma ġiex sew biss meta beda jħalleb bil-*grouting* jidika li huwa ferm aktar probabbli li l-problema kienet fit-tqegħid tal-madum in kwistjoni. Il-Perit Cacopardo ukoll rrelata li '*huwa ċar li l-madum ma tqiegħedx sewwa.*';

13. Din il-Qorti sodisfatta li kull allegazzjoni attriċi li l-madum lilhom konsenjat kien difettuż, hija bla bażi.

14. L-atturi allegaw ukoll li kien hemm nuqqas ta' tagħrif dwar il-madum li ġie mogħti. Minkejja li fit-tweġiba tal-konvenuta ngħad li Darren Farrugia kien ġie infurmat minn Andrew Camilleri personalment fuq id-dettalji tal-madum u l-mod kif kellu jitwaħħal, Johann Camilleri xehed li missieru Andrew Camilleri, wieħed mid-diretturi ta' Creations, kien spjega kif u b'liema mod kellu jitwaħħal il-madum partikolari lil Mario Farrugia u lil ibnu Josef biss. F'kull każ ma jirriżultax li Andrew Camilleri kien xehed.

15. Dwar l-allegazzjoni tal-atturi li huma talbu tip ta' madum u ngħataw madum ieħor, Darren Farrugia xehed li huwa qatt ma ordna il-madum tat-tip '*travertino Bianco Lappato'*. Għall-kuntrarju jgħid li talab madum b' karatteristiċi speċifiċi, ossija prima kwalità, **gress**, ***rectified*** u ***highly polished,*** u s-*salesgirl* urietu madum li skont hi kien jaqbel eżattament mar-rikjesti tiegħu, liema madum irreferiet għalih bħala '*Marmiclassici Travertino Bianco'*. Fil-fatt l-ewwel stima kienet issemmi proprju dan it-tip ta' madum u kienet it-tieni stima li kienet tirreferi għal '*Traverino Bianco RET LAP'.* Madankollu r-*reference number* hu identiku fiż-żewġ każijiet. Fil-fatt xehed li s-*salesgirl* qaltlu li huma l-istess prodott peress li r-*reference number* kien l-istess. Madanakollu l-maduma in kwistjoni rriżultat *semi polished* u *lappato*, karatteristiċi li l-atturi ma riedux. Għal dark li jirrigwarda lappato, fir-rapport tal-perit Borg Costanzi[4] jingħad:

> *"Il-maduma hija wkoll lappato illi tfisser illi l-wiċċ m'huwiex kompletament lixx iżda kemmxejn immewweġ sabiex jagħti dehra naturali u simili għat-travertine".*

16. Il-qorti m'għandhiex raġuni għalfejn toqgħod tiddubita li l-madum li kien konsenjat lill-atturi kien bħas-*sample* li ngħataw qabel saret l-ordni. Kieku kien mod ieħor probabbilment l-atturi kienu mill-ewwel jattiraw l-attenzjoni tal-konvenuta. Il-qorti tosserva:

    i. Ir-rapport tal-perit Borg Costanzi ma jħalli l-ebda dubju li l-madum mhuwiex difettuż. Hu veru li t-test ma sarx fuq il-madum li tpoġġa fl-appartament tal-atturi, madankollu l-qorti tifhem li peress li tlett ordnijiet saru fl-istess zmien, il-konsenja li saret lill-atturi kienet l-istess bħal dak li fuqu sar it-test. Mario Farrugia stess xehed: *"Inżid ngħid li l-madum tiegħi kif ukoll ta' Josef u ta' Darren huwa mill-istess batch number".*

[4] Ara l-atti tal-appell 19/2015, **Mario Farrugia vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd**.

ii. Il-perit Carmel Cacopardo rrelata li, *"huwa ċar li l-madum ma tqegħidx sew"*.

iii. M'hemmx prova li dak li jidher fir-ritratti numru 1 u 3 tar-rapport tal-perit Psaila, għandu x'jaqsam mal-fatt li l-madum m'huwiex *highly polished*. Hu veru li l-atturi qalu li sa mill-bidu riedu jixtru *highly polished tiles*. Pero' l-qorti għandha d-dubju kemm jekk dik kienet it-talba, is-*salesperson* kienet ser turihom madum b'*semi polish*. Il-qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni għalfejn l-atturi talbu polished u l-impjegata tal-konvenuta tbiegħilhom *semi-polished* mingħajr ma qaltilhom. Saħansitra ma jirriżultax li l-konvenuta kellha dak it-tip ta' madum *in stock*, tant hu hekk li l-atturi għamlu x-xhur jistennew il-konsenja. F'kull każ, kieku l-atturi m'għoġbithomx id-dehra tal-madum ma kinux ser jordnawh.

iv. Fil-fehma tal-qorti, waqt it-tqegħid *tile layer* tal-affari tiegħu kellu jinduna bl-effett li kien ser ikollu l-madum. John Zahra, it-tile layer, xehed: *"Ngħid illi indunajt bid-difetti fil-madum wara li jiena bdejt inħalleb bejn maduma u oħra"*. Qal ukoll, *"Biex jiena nqiegħed il-madum jiena nuża l-invell"*, u *"Ngħid li dan il-madum għal differenza ta' madum ieħor li jkun imżaqqaq fin-nofs* ***ma kienx jaqbel meta tpoġġi maduma ma' maduma****"*. Il-qorti ma tifhimx kif ix-xhud ma rax dawn l-affarijiet waqt li kien qiegħed ipoġġi l-madum. Fir-rapport tal-perit Psaila jingħad li, *"when a water level was placed on these tiles, this showed that the tile was uneven both along the edges and diagonally"*. Zahra qal li meta kien qiegħed ipoġġi l-madum, uża invell. Allura kellu mill-ewwel jinduna li hemm xi ħaga ħażina, kienet x'kienet, u kellu jieqaf u mhux jibqa' għaddej ipoġġi l-madum.

v. Dwar madum lappato, il-perit Borg Costanzi kkonfermat li f'dan it-tip ta' madum, *"il-wiċċ m'huwiex kompletament lixx iżda kemxejn immewweġ sabiex jagħti dehra naturali u simili għat-travertine"*. M'hemmx opinjoni teknika li tikkonferma li dak it-tip ta' madum jaghti l-effett li jidher fir-ritratt numru 1 tar-rapport tal-perit Psaila u ritratt Annex 3 (ara l-atti 19/2015).

vi. L-attur qal li waqt li kien qiegħed jitpoġġa l-madum, kien imur kuljum jara l-progress tax-xogħol. Il-qorti ma tifhimx kif fid-dawl ma rax dak li qiegħed jilmenta dwaru.

vii. F'kull każ, qabel saret l-ordni l-atturi raw il-madum fil-ħanut u ngħataw ukoll sample tal-madum. Kienu jafu kif kien il-madum li ordnaw, u dak hu t-tip ta' madum li ġie kkonsenjat lilhom.

viii. Saħansitra, l-perit tekniku qalet: *"Waqt l-aċċess, l-esponenti ġiet murija xi madum illi allegatament kien tal-istess konsenja tal-madum in kwistjoni illi tali madum ġie salvat mill-art ta' fejn kien diġa mqiegħed u tneħħa. Dawn il-madumiet twaħħlu ma' ħajt żgħir f'garaxx"*. Il-qorti fehmet li dan hu l-istess madum oġġett tal-kawża. Li jfisser li hemm madum li l-atturi wżaw f'post ieħor. Mhux magħruf il-kwantita' ta' madum, pero' jibqa' l-fatt li xorta ntuża madum li l-atturi xtraw mingħand il-konvenuta.

17. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li l-atturi m'għandhomx raġun fl-ilmenti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-atturi bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.**

Anthony Ellul.